MDINA

# Minuti tal-laqgha numru 39 tas-sitt Kunsill

| | |
|---|---|
| POST | Sala tal-Kunsill |
| DATA | 20 ta' Settembru 2012 |
| HIN | 2.30pm |

| Kariga | Isem | Inizjali | Presenza |
|---|---|---|---|
| Sindku | Peter Sant Manduca | PSM | Prezenti |
| Vici Sindku | Joseph Debono | JD | Prezenti |
| Kunsillier | Jane Attard | JA | Prezenti |
| Kunsillier | Fredrick Azzopardi | FA | Prezenti |
| Kunsillier | Camille Scerri | CS | Prezenti |
| Seg Ezekuttiv | Paul Spiteri | PS | Prezenti |

39.1 Il-Minuti tal-laqgha numru 37 gew approvati kif moqrija wara li ma kienx hemm korrezzjoni.

39.2 Arising Out

39.2.1 Il-Barbeque li sar fil-4 ta'Settembru kien tajjeb .P S. Qal li huwa kien kellem lil Catermax ghaliex mhux l-items kollha kien offruti kif kien miftiehem. Ghalhekk PS qal li kien ser jitlob trahhis fil-prezz.

39.3 Korrispondenza batch 60 u 61

39.3.1 Kellna talba biex issir laqgha ma Hans Jurgen Nagel li jixtieq jiddiskuti maghna kollaborazzjoni fuq attivita Kulturali. Qbilna li naghmlu din il-laqgha;

39.3.2 Kellna ittra minghand Anthony Micallef dwar problema bil-Linji Bojod fi Triq l-Infetti. Kien hemm talba sabiex jinholqu spazji ghal-Parkegg. Il-Kunsill qabel ma din il-proposta u kellhu jikteb lit-Transport Malta.

39.3.3 Inqrat Ittra minghand il-Perit Attard Pace dwar is-sistema tad-dwal fil-progett tad-Ditch. Din l-ittra giet referuta lil Restoration Unit tal-MRRA li kienu responsabli mil-progett.

39.4 Ghoti tal-Kuntratt tat-tindief tat-Toroq u skart goff

39.4.1 PS ipprezenta rapport dwar il-hlassijiet li saru lis-Sinjuri Gauci matul Is-sena 2011 u l-ewwel sit xhur is-sena 2012, sabiex wiehed jiehu ideja tal-ispejjez li qed naghmlu ghat-Tindief. Inghata rendikont ukoll tad-diskripanza lli kien hemm bejn l-offerta li Gauci taw din id-darba u dak li kien hemm fil-kuntratt tal-2009. Jidher li id-differenza kienet minima anke ghaliex saret laqgha ma Gauci fejn fiha gew proposti xi trahhis mil-offerta originali.

39.4.2 Ma kienx hemm offerti ohra u ghalhekk gie propost li l-Kuntratt gahs-sena 2012 sal 2015 jinghata lis-Sinjuri Charles u Joseph Gauci. Din

il-proposta giet milqugha b'riserva espressa minn FA li qal li huwa important li dan il-Kuntratt ma jissuperax dak li huwa allokat lilna f'terminu ta'flus mi-Gvern Centrali;

39.5 Harga Kulturali

39.5.1 Saret diskussjoni fuq Harga Kulturali ghar-Residenti . Qbilna li din issir fl-ahhar week-end ta' Ottubru jew it-tieni week-end ta'Novembru. Il-Post kellhu jkun it-Tempji ta' Hal Saflieni . Izda jekk ma nistghux nibbukkjaw immorru l-Musew tal-Gwerra fil-Belt.

39.6 Affarijiet ohra meqjusa urgent

39.6.1 PS spjega li minhabba l-Maltempata li kienet saret nhar il-Hadd 2 ta' Settembu kienu saru xi hsarat fis-sistema ta' CCTV ta' gewwa l-Iimdina . kif ukoll hsara rreparabli fl-arblu ta' fuq il-Mina ta' Vilhena. PS qal li kienet saret claim ma l-Insurance .

39.7 Gew approvati il-pagamenti skond l-iskeda numru 9/12

Wara li ma kienx hemm affarijiet ohra l-laqgha giet aggornata fil-5.00pm sine die.

| | |
|---|---|
| Peter Sant Manduca | Paul Spiteri |
| Sindku | Segretarju Ezekuttiv |